



Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7119/23

COH 26
FIN 289
RELEX 314
ELARG 19
POLGEN 26
DEVGEN 51

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Marzu 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.	6564/23
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 27/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ mill-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera ma' pajjiżi tal-viċinat - Appoġġ siewi, iżda l-implimentazzjoni bdiet tard ħafna u jeħtieġ li l-problemi fil-koordinazzjoni jiġu indirizzati - Konklużjonijiet tal-Kunsill (07.03.2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 27/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Appoġġ mill-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera ma' pajjiżi tal-viċinat - Appoġġ siewi, iżda l-implimentazzjoni bdiet tard ħafna u jeħtieġ li l-problemi fil-koordinazzjoni jiġu indirizzati", approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-3935 laqgħa tiegħu fis-7 ta' Marzu 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 27/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Appoġġ mill-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera ma' pajjiżi tal-viċinat – Appoġġ siewi, iżda l-implimentazzjoni bdiet tard ħafna u jeħtieġ li l-problemi fil-koordinazzjoni jiġu indirizzati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 27/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar ir-Rapport;
- (2) JAFFERMA MILL-ĠDID li l-kooperazzjoni transfruntiera hija element ewlieni tal-politika Ewropea tal-viċinat, li tappoġġa lill-pajjiżi ġirien fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea u JIRRIKONOXXI l-importanza tagħha għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat, filwaqt li jinnota l-partikolaritajiet, l-ispeċifikitajiet ġeografiċi u gradi differenti ta' żvilupp politiku u istituzzjonali tal-pajjiżi ġirien;
- (3) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk l-appoġġ tal-UE fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera (CBC) 2014-2020 iffinanzjati permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) kienx effettiv fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni territorjali fil-fruntieri esterni tal-UE. Minn 15-il programm, il-Qorti vvalutat l-akbar tliet programmi fir-reġjuni tat-tramuntana, tal-lvant u tan-nofsinhar u ffukat fuq jekk:
 - Il-programmi kellhomx fil-mira ħtiġijiet u priyoritajiet identifikati b'mod ċar komuni għar-reġjuni tal-fruntiera u jekk ikkomplementawx programmi oħra ffinanzjati mill-UE;
 - Il-proġetti ntgħażlux u ġewx implimentati b'mod effiċjenti u effettiv;
 - Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, bil-ħsieb li jsaħħu l-ġestjoni tal-programmi 2021-2027, għamlux użu effettiv mill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll mit-tagħlimiet meħuda;

- (4) JIRRIKONOXXI li r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditu għandhom l-għan li jinfurmaw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-programmi Interreg NEXT proposti għall-perjodu ta' finanzjament 2021-2027;
- (5) JINKORAĠĠIXXI l-iskambji tal-aħjar prattika u l-użu sħiħ tas-sorsi ta' assistenza teknika rilevanti, inkluż l-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX);
- (6) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- Il-programmi transfruntiera ma' pajjiżi ġirien iffinanzjati mill-UE għall-perjodu 2014-2020 ipprovdew appoġġ rilevanti u siewi lir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri esterni tal-UE, filwaqt li żguraw bilanċ ġeografiku tal-benefiċjarji tal-proġetti;
 - Il-programmi vvalutati kienu identifikaw prioritajiet u objettivi tematiċi magħżula li kienu allinjati mal-ħtiġijiet tar-reġjuni tal-fruntiera involuti u l-proġetti ntgħażlu u ġew implimentati b'mod effiċjenti, effettiv u trasparenti;
 - Kien hemm involviment wiesa' tas-sħab u l-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-ENI CBC;
 - Tista' tittejjeb il-koordinazzjoni operazzjonali ma' programmi oħra ffinanzjati mill-UE kif ukoll ma' politiki, inizjattivi u strateġiji makroreġjonali;
 - Il-qafas għall-monitoraġġ wara l-għeluq tal-proġett jeħtieġ li jkun aktar orjentat lejn ir-riżultati u li jiġbor is-sostenibbiltà tar-riżultati;
 - Il-qafas leġiżlattiv 2021-2027 qed jibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-perjodi ta' programmazzjoni tal-passat;

- (7) JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Il-programmi tal-ENI CBC ippermettew kooperazzjoni li altrimenti ma kinitx isseħħ jew kienet tiffaċċa diffikultajiet minħabba raġunijiet politiċi;
 - L-integrazzjoni tal-ENI CBC fil-qafas ġenerali tal-Interreg fi ħdan il-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2021-2027 u l-qafas leġislativ korrispondenti qed jiffaċċjaw xi wħud min-nuqqasijiet identifikati mill-QEA, bħal bidu tard tal-programmi, dgħufijiet fil-monitoraġġ jew aċċess insuffiċjenti għal għodod ta' rapportar kontra l-frodi f'pajjiżi mhux tal-UE;
 - Il-proċedura simplifikata għall-proġetti kbar ta' infrastruttura għandha titqies b'mod pożittiv;
 - Interreg tipprovdi okkażjoni unika għall-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova, li ngħataw l-istatus ta' kandidat tal-UE, biex ikunu direttament parti mill-programmi ta' ġestjoni kondiviżi;
 - L-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni tal-UE mar-Russja u l-Belarussja, inkluż it-tħejjija tal-programmi ta' kooperazzjoni 2021-2027, huma sospiżi;
- (8) JENFASIZZA li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li jinsabu mal-konfini tar-Russja u l-Belarussja, kif ukoll dawk li jinsabu mal-konfini tal-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova, minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, qed jiffaċċjaw sett speċifiku ta' sfidi ekonomiċi u soċjali, u JIKKUNSIDRA li dawn l-isfidi għandhom jiġu eżaminati aktar sabiex jiġu indirizzati b'mod xieraq;

(9) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

- Issaħħaħ l-involviment tas-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE fil-ħidma tal-kumitati ta' programmazzjoni u monitoraġġ għal Interreg NEXT;
 - Tippermetti lill-korpi kontra l-frodi f'pajjiżi mhux tal-UE jirrapportaw irregolaritajiet potenzjali direttament permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet;
 - Tipprovdi gwida dwar il-monitoraġġ tas-sostenibbiltà tal-proġetti wara l-għeluq tagħhom.
-